**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**MALTA**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

Avviż Numru CCT 123/16/F

**Giuseppe Sammut**

**vs**

**Portelli & Brincat**

Illum 26 t'Ottubru, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-15 ta' Ġunju, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti prezz ta' *louvres* illi minkejja li ħallas id-depożtu fuqhom, dawn ma ġewx installati.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għal seduta waħda, u dan minkejja li kienet notifikata bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna xi xogħol mingħand Portelli & Brincat, u waqt li kienu ġew konsenjati l-*vertical blinds*, 4 *louvres* ma ġewx konsenjati. L-ammont tal-prezz tal-*louvres* kien ta' tliet mitt ewro (€300) u ħallas mitt ewro (€100) depożitu inkluż l-installazzjoni. Minkejja diversi tentattivi daparte tar-rikorrenti sabiex l-intimat jiprova jinstalla dawn il-*vertical blinds*, u minkejja li t-Tribunal ta biżżejjed żmien sabiex jiprova jinstallhom, l-intimat xorta baqa' inadempjenti.

It-Tribunal, ra l-prezz ta' ħames mitt ewro (€500) stima li ġab ir-rikorrenti sabiex jiġu mibdula dawn il-*vertical blinds*, pero' t-Tribunal qed jiskartha għax qed jaraha wisq esaġerata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**